# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Ottubru, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **15/2018**

**360 FOOD IMPORT LIMITED**
[REG. NRU. C-46590]

***VERSUS***

**ESKANDAN MAGAD**
[K.I. NRU. 20947A]

It-Tribunal:

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar id-9 ta' Jannar, 2018 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elfejn, mitejn, wiehed u hamsin ewro u erbatax ewro centezmi (€2,251.14c) rapprezentanti bejgh u konsenja ta' merkanzija (ikel u xorb) lill-konvenut kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri gudizzjarji u l-imghaxxijiet legali mill-14 ta' Lulju, 2017 sal-hlas effettiv u finali.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

F'dawn il-proceduri, ghalkemm debitament notifikat bl-atti processwali relattivi, il-konvenut jidher li ghazel li ma jikkontestax l-istanza promossa fil-konfront tieghu. F'dan is-sens ssir referenza ghal dak li hemm imfisser fil-verbali ta' l-ewwel udjenza, datata 21 ta' Frar, 2018 (*a fol*. 9). Fl-istess udjenza kien deher difensur ghan-nom

tal-konvenut illi gharraf lit-Tribunal hekk: "*Dr. Noel Bianco ghan-nom tal-Konvenut jinforma lit-Tribunal illi, ghan-nom tal-Konvenut, ghaddejjin diskussjonijiet mad-difensuri tas-Socjetà Attrici bil-ghan li l-vertenza odjerna tigi transatta u informa ukoll lit-Tribunal illi fil-mori bejn il-prezentata ta' din il-kawza u l-udjenza tal-llum il-Konvenut wettaq xi pagamenti akkont tal-ammont domandat f' dawn il-proceduri*." Fl-istess udjenza, id-difensur tal-attrici ikkondivida tali informazzjoni u l-procediment gie aggornat ghall-udjenza tad-19 ta' April, 2019.

Fl-udjenza tad-19 ta' April, 2019 rega' deher id-difensur tal-konvenut li ddikjara li, "*l-Konvenut qed iwettaq pagamenti akkont ta' EUR100 fil-gimgha u jinforma ukoll illi l-Konvenut behsiebu jkompli jwettaq tali hlas b' tali modalità ta' pagament*." Ghal darb'ohra, id-difensur tal-attrici "*jikkonferma dak registrat mid-difensur tal-Konvenut.*" (*a fol*. 11). Dakinhar il-procediment thalla ghall-udjenza tat-13 ta' Gunju, 2018 f'liema udjenza deheru z-zewg difensuri tal-partijiet li "*jinfurmaw lit-Tribunal illi l-Konvenut qed ihallas b' pagamenti mensili skont il-modalita' mfissra fil-verbal tal-udjenza tad-19 ta' April, 2018*." (*a fol*. 12). Sussegwentement, fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2018 regghu deheru l-istess difensuri illi, "*gharrfu lit-Tribunal illi s-sorte ta' EUR2251.14 thallas interament mill-Konvenut lill-Attrici u jifdal solament il-kap tal-ispejjes marbuta ma' dawn il-proceduri.*" (*a fol*. 13).

Mid-data tal-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2018 (*a fol*. 13) sal-udjenza tat-30 ta' April, 2019 (*a fol*. 18) ma sar l-ebda progress u l-verbali relattivi tal-udjenzi li jaqghu bejn iz-zewg dati (ara *a foll*. 14–17), jitkellmu fuq differiment tal-kawza sabiex jigi wkoll indirizzat u tranzatt l-aspett tal-kwistjoni relattiv ghall-hlas tal-ispejjez tal-prezenti proceduri da parti tal-konvenut. Fl-udjenza tat-3 ta' Gunju, 2019 id-difensur tal-attrici talbet li l-procediment jigi differit ghas-sentenza u f'dik l-udjenza t-Tribunal iddikjara hekk: "*It-Tribunal ha konjizzjoni tal-atti, senjatament ta' dak registrat fl-udjenza tal-21 ta' Frar, 2018 (ara fol.9) illi fiha gie dikjarat inter alia illi l-Konvenut kien notifikat. Nonostante tali notifika, l-Konvenut baqa' ma ressaq l-ebda Risposta u baqa' qatt ma rregistra dehera fl-udjenzi sussegwenti quddiem it-Tribunal. Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jiddikjara lil-Konvenut fi stat ta' kontumacja hekk kif previst fil-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta*." (a fol. 19).

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Is-sitwazzjoni prezentata bil-prezenti vertenza hija li l-konvenut – ghalkemm ma kkontestax il-kawza b'mod formali u ritwali kif previst taht il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Ligi Sussidjarja 380.01 (u allura waqa' fi stat ta' kontumacja kif puntwalizzat fil-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Gunju, 2019) – implicitament ikkonfessa li hu debitur tal-kumpannija attrici u dan ghaliex hu, spontanjament u minn rajh, issalda s-sorte fl-ammont ta' €2,251.14c direttament lill-istess attrici kif deskritt hawn fuq. Kif kodifikat fl-Art. 1147(1) tal-Kodici Civili, "*Kull ħlas jissoponi dejn*" u, allura, tali pagament ta'

€2,251.14c imwettaq spontajament mill-konvenut huwa, implicitament, manifestazzjoni ta' l-ammissjoni tad-dejn li hu kellu pendenti mal-kumpannija attrici kreditrici. Il-konvenut jidher li wettaq pagamenti akkont matul dawn il-proceduri u li fil-kors taghhom lahaq issalda l-imsemmi sorte ta' €2,251.14c (kif registrat fil-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2018) izda ma hallasx ghall-ispejjez gudizzjarji. Dan, ghalhekk, igib li l-vertenza odjerna hi effettivament dwar il-kap ta' l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

B'dan maghdud, u bhala korollarju naturali, bil-hlas tas-sorte tinholoq ammissjoni kif fuq spjegat u tali ammissjoni taghti lok ukoll li l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri jkunu attribwibbli lil, u addossati fuq il-konvenut. Fi kliem iehor, bil-hlas imwettaq mill-konvenut tal-kreditu fl-ammont ta' €2,251.14c, hu attitra lejh ukoll l-obbligu accessorju li jindennizza kwalsiasi spejjez li dahlet fihom l-attrici kreditrici tieghu ghall-irkupru tal-istess kreditu.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jastjeni milli jippronunzja ruhu dwar l-ammont ta' elfejn, mitejn, wiehed u hamsin ewro u erbatax-il ewro centezmi (€2,251.14c), stante li dan gie ssaldat mill-konvenut lejn l-attrici fil-mori tal-proceduri, jilqa' t-talba tas-socjetà attrici ghal dak li jikkoncerna l-ispejjez gudizzjarji u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas ukoll lill-istess socjetà attrici l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proceduri, kif mitlub fl-Avviz tat-Talba.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*